

Brussell, 8 ta' Diċembru 2021  
(OR. en)

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2021/0375(COD)**

---

14386/21  
ADD 3

AG 111  
INST 422  
PE 114  
FIN 931  
DATAPROTECT 272  
CODEC 1554  
DISINFO 39  
FREMP 280  
IA 198

#### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	25 ta' Novembru 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru. dok. preċ.:	ST 14388/21 - COM(2021) 734 final - SEC(2021)577 final - SWD(2021) 359 final
Nru dok. Cion:	SWD(2021) 360 final
Suġġett:	Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej (riformulazzjoni) – Sommarju eżekuttiv tar-rapport tal-valutazzjoni tal-impatt

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2021) 360 final.

---

Mehmuż: SWD(2021) 360 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 25.11.2021  
SWD(2021) 360 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAR-RAPPORT TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill  
dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi  
Ewropej (riformulazzjoni)**

{COM(2021) 734 final} - {SEC(2021) 577 final} - {SWD(2021) 359 final}

<b>Skeda tas-Sommarju Eżekuttiv</b>
Valutazzjoni tal-impatt dwar ir-reviżjoni tar-Regolament 1141/2014 dwar l-istatut u l-finanzjament tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej.
<b>A. Ħtieġa li tittieħed azzjoni</b>
<b>X'inhi l-problema u għaliex hi problema fil-livell tal-UE?</b>
<p>Il-partiti politiċi Ewropej huma alleanzi transnazzjonali tal-partiti bl-objettiv li “jikkontribwixxu għall-formazzjoni tal-għarfien politiku Ewropew u għall-espressjoni tar-rieda taċ-ċittadini tal-Unjoni” (l-Artikolu 10(4) tat-TUE). L-istatut u l-finanzjament tagħhom huma rregolati mir-Regolament 1141/2014. Filwaqt li r-Regolament ġie emendat darbtejn qabel l-elezzjonijiet Ewropej tal-2019, hemm lok biex jittejbu:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>- id-dispożizzjonijiet dwar il-finanzjament</li> <li>- il-valuri tal-UE, id-demokrazija u t-trasparenza</li> <li>- l-infurzar u l-piż amministrattiv.</li> </ul>
<b>X'jenħtieġ li jinkiseb?</b>
<p>L-objettivi ewlenin tar-reviżjoni huma dawn li ġejjin:</p> <ol style="list-style-type: none"> <li>1. It-titjib tal-qafas leġiżlattiv li jippermetti lill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej iwettqu l-missjoni tagħhom li jiffurmaw l-għarfien politiku Ewropew billi jiżguraw il-prinċipji demokratiċi stabbiliti fl-Artikolu 10 tat-TUE.</li> <li>2. L-iżgurar ta' livell ogħla ta' konformità tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej mal-valuri tal-UE minqux fl-Artikolu 2 tat-TUE.</li> <li>3. L-iżgurar aħjar ta' ġestjoni finanzjarja tajba tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-iżgurar tal-infurzar xieraq tar-Regolament u t-tnaqqis tal-livell tal-piż amministrattiv.</li> </ol>
<b>X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE (sussidjarjetà)?</b>
<p>Il-bażi ġuridika tal-inizjattiva hija l-Artikolu 224 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) li jipprevedi li “il-Parlament Ewropew u l-Kunsill, li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja, għandhom jistabbilixxu, permezz ta' Regolament, ir-regoli li jiggwidaw il-partiti politiċi f'livell Ewropew imsemmija fl-Artikolu 10(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u partikolarment ir-regoli li jirrigwardaw il-finanzjament tagħhom”.</p> <p>Peress li t-Trattat jipprevedi l-istabbiliment tar-regoli li jirregolaw il-partiti politiċi Ewropej permezz ta' regolament, kwalunkwe bidla fir-regoli attwalment fis-seħħ trid tiġi stabbilita fil-livell tal-UE b'applikazzjoni tal-Artikolu 224 tat-TFUE.</p>
<b>B. Soluzzjonijiet</b>
<b>X'inhuma l-għażliet differenti biex jinkisbu l-objettivi? Hemm għażla ppreferuta jew le? Jekk le, għaliex?</b>
<p>Ix-xenarju ta' referenza (l-għażla 1) huwa li jinżamm l-<i>istatus quo</i> u li ma jiġix rivedut ir-Regolament 1141/2014 kif emendat l-aħħar bir-Regolament (UE, Euratom) 2019/493. Madankollu, b'din l-għażla ta' politika il-problemi identifikati hawn fuq jibqgħu mhux solvuti, u jista' jkun li din ma tkunx adattata għall-</p>

iżviluppi futuri.

L-għażla 2 tiffoka fuq ir-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' finanzjament fir-Regolament. Din l-għażla hija strettament allinjata mal-impenn li għamlet il-President von der Leyen fil-linji gwida politiċi tagħha biex jitressqu proposti leġiżlattivi skont il-pjan ta' azzjoni għad-Demokrazija Ewropea biex tiġi żgurata trasparenza akbar dwar ir-reklamar politiku mħallas u regoli aktar ċari dwar il-finanzjament tal-partiti politiċi Ewropej<sup>1</sup>. Din l-għażla ttejjeb il-vijabbiltà finanzjarja tal-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, toħloq salvagwardji addizzjonali kontra l-indħil barrani permezz ta' donazzjonijiet u tippermetti lill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jimpenjaw ruħhom f'relazzjonijiet aktar sinifikanti ma' partiti membri tal-istess fehma minn pajjiżi mhux tal-UE.

L-għażla 3 tmur lil hinn mis-sempliċi revizzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' finanzjament biex tinkludi wkoll partijiet oħra tat-test tar-Regolament li, skont l-analiżi tal-Kummissjoni u l-kontribut riċevut mill-partijiet ikkonċernati, jistgħu jibbenefikaw minn titjib immirat. Minbarra r-reviżjoni tad-dispożizzjonijiet ta' finanzjament, din l-għażla tinkludi t-tnaqqis tal-piż amministrattiv, it-tiżiħ tal-infurzar u tar-reġim tas-sanzjonijiet, l-operazzjonalizzazzjoni tal-mekkaniżmu ta' verifika għall-valuri tal-UE u l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

Il-valutazzjoni tal-impatt tipproponi li tintuża l-għażla 3, peress li din l-għażla sservi l-oġġettivi ġenerali tar-reviżjoni bl-aħjar mod.

### **X'inhi l-opinjoni tal-partijiet ikkonċernati differenti? Liema għażla u min jappoġġaha?**

Il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, l-Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew qablu li r-Regolament 1141/2014 kien jipprovdi qafas legali utli għall-attivitajiet tagħhom u li s-sistema maħluqa ma kinitx teħtieġ riforma. Madankollu, matul il-konsultazzjonijiet informali, huma infurmaw lill-Kummissjoni b'għadd ta' nuqqasijiet u lakuni.

Dawn l-osservazzjonijiet ġew ikkonfermati fl-abbozz ta' rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali tal-Parlament Ewropew (AFCO).

Il-Kummissjoni organizzat ukoll konsultazzjoni pubblika miftuħa bejn it-30 ta' Marzu 2021 u t-22 ta' Ġunju 2021. Fost ir-rispondenti kien hemm ċittadini tal-UE, NGOs, Stati Membri, organizzazzjoni ta' riċerka, kumpanija privata u organizzazzjonijiet oħra. Filwaqt li l-maġġoranza tar-rispondenti sabu li r-Regolament 1141/2014 kien utli jew utli ħafna, huma qiesu li l-partiti politiċi Ewropej ma kellhomx viżibbiltà u ma kinux attrezzati biex iwettqu l-missjoni kostituzzjonali tagħhom.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni bbażat ruħha wkoll fuq il-feedback li rċeviet mill-konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar il-pjan ta' azzjoni għad-Demokrazija Ewropea (bejn il-15 ta' Lulju 2020 u l-15 ta' Settembru 2020) li wriet appoġġ wiesa' għall-kamp ta' applikazzjoni tar-reviżjoni tar-Regolament 1141/2014, b'attenzjoni speċjali għal aktar trasparenza dwar il-finanzjament u l-affiljazzjoni bejn il-livell nazzjonali u dak Ewropew.

Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll f'eżerċizzju wiesa' ta' sensibilizzazzjoni mal-koleġiżlaturi, b'mod partikolari permezz tar-rappreżentanti tal-Istati Membri fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Affarijiet Ġenerali u l-Membri u l-koordinaturi tal-gruppi politiċi tal-Kumitat AFCO fil-Parlament.

Matul dawn il-konsultazzjonijiet informali u formali, il-partijiet ikkonċernati esprimew l-appoġġ tagħhom biex jirrevedu l-leġiżlazzjoni permezz ta' emendi mmirati biex jindirizzaw il-problemi kollha li kienu ġew

<sup>1</sup> [https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/political-guidelines-next-commission\\_mt\\_0.pdf](https://ec.europa.eu/info/sites/default/files/political-guidelines-next-commission_mt_0.pdf)

identifikati.
<b>C. Impatti tal-għażla ppreferuta</b>
<b>X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</b>
L-għażla 3 hija l-għażla ppreferuta, peress li tindirizza l-problemi kollha identifikati b'mod komprensiv u tiżgura impatt pożittiv massimu fuq il-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati. Il-miżuri previsti taħt din l-għażla ta' politika proposta jservu l-oġġettivi ġenerali tar-reviżjoni bl-aħjar mod. Dan jinkludi taħlita ta' miżuri mmirati biex jindirizzaw il-lakuni li fadal fid-dispożizzjonijiet ta' finanzjament, jippromwovu l-valuri tal-UE, id-demokrazija u t-trasparenza, u jsaħħu l-infurzar u jtaffu l-piż amministrattiv, u b'hekk jgħinu lill-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej iwettqu l-missjoni kostituzzjonali tagħhom.
<b>X'inhuma l-kostijiet tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, inkella x'inhuma dawk ewlenin)?</b>
Xi miżuri mmirati lejn il-konsolidazzjoni tas-sistema ta' rappurtar finanzjarju għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej jistgħu jsiru aktar kumplessi biex jiġu integrati. Madankollu, dan il-piż amministrattiv inizjali jkun ikkumpensat mill-eliminazzjoni tas-sistema tal-kontabbiltà doppja li bħalissa tinsab fir-Regolament.
<b>X'inhuma l-impatti fuq l-SMEs u fuq il-kompetittività?</b>
L-ebda impatt sinifikanti. Minħabba n-natura speċifika tar-Regolament, jiġifieri li għandu impatt dirett fuq 20 organizzazzjoni (10 partiti politiċi Ewropej u l-10 fondazzjonijiet politiċi Ewropej affiljati magħhom), l-Awtorità għall-partiti politiċi Ewropej u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej u l-Uffiċjal tal-Awtorizzazzjoni tal-Parlament Ewropew, l-għażliet ta' politika se jkollhom impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali negliġbbli.
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti fuq il-baġits u l-amministrazzjonijiet nazzjonali?</b>
Bħal qabel. Ara hawn fuq.
<b>Se jkun hemm impatti sinifikanti oħra?</b>
Il-valutazzjoni tal-impatt tiffoka fuq l-impatti tal-għażliet fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u d-demokrazija, jiġifieri rwol aktar b'saħħtu għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej, li jgħin biex jinħoloq spazju demokratiku Ewropew. Fl-istess ħin, il-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej ikunu soġġetti għal ġestjoni finanzjarja aktar soda u għal aktar trasparenza, li fl-aħħar mill-aħħar tkun ta' benefiċċju għall-votanti tal-UE u tippermettilhom jagħmlu għażla infurmata aħjar qabel l-elezzjonijiet Ewropej.
<b>Proporzjonalità?</b>
Il-proposta hija proporzjonata, peress li ma tinvolvi riforma sħiħa tas-sistema, iżda timmira biss il-lakuni li fadal, wara ż-żewġ revizzjonijiet preċedenti ta' dan ir-Regolament, kif identifikati mill-partijiet ikkonċernati ewlenin.
<b>D. Segwitu</b>
<b>Meta se tiġi rieżaminata l-politika?</b>
L-Artikolu 38 tar-Regolament fih klawżola ta' revizzjoni li tistipula li kull ħames snin il-Parlament Ewropew irid jippubblika rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, wara konsultazzjoni mal-

Awtorità għall-partiti u l-fondazzjonijiet politiċi Ewropej. Dan ir-rapport irid jindika, fejn xieraq, kwalunkwe emenda possibbli li għandha ssir fl-istatut u fis-sistemi ta' finanzjament. Sa mhux aktar tard minn sitt xhur wara l-pubblikazzjoni tar-rapport tal-Parlament, il-Kummissjoni trid tippreżenta r-rapport tagħha stess dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Jekk xieraq, dan ir-rapport jista' jkun akkumpanjat minn proposta leġiżlattiva għal emenda ulterjuri tar-Regolament.